# INSUM JEW MA NSUMX?

**Il-Papa Franġisku
joffrilna gwida ta' kif nistgħu nsumu
b'mod differenti u b'tali mod li
s-sawm iħalli l-frott meħtieġ fil-ħajja tagħna.**

**Dawn huma xi uħud mill-ideat
li qed joffrilna l-Papa li jistgħu jgħinuna
biex ngħixu r-Randan aħjar:**



- Sum mill-KLIEM IEBES
  u kun AKTAR ĦANIN FI KLIEMEK.
- Sum mid-DWEJJAQ għal kull ħaġa ta' xejn
  u kun IĠJED GRAT lejn Alla u lejn l-oħrajn.
- Sum mir-RABJA
  u mtela bil-PAĊENZJA.
- Sum mill-PESSIMIŻMU
  u kun mimli bit-TAMA.
- Sum mit-THEWDIN
  u AFDA IŻJED F'ALLA.
- Sum mit-TGERGIR
  u ħares ikkontempla s-SEMPLIĊITÀ.
- Sum mill-ISTRESS
  u sib iktar ħin għat-TALB.
- Sum mill-QRUSA
  u qis li timla qalbek bil-FERĦ.
- Sum mill-EGOIŻMU
  u uri ĦNIENA lill-oħrajn.
- Sum mill-GDIEDEM
  u għaraf il-MAĦFRA.
- Sum mill-KLIEM
  u ISKOT ħalli tkun tista' tisma'.





PARROĊĊA TA' ĦAL SAFI

# KONVERŻJONI TA' SAN PAWL

Tel: 21 649 223



*Messaġġ tal-Kappillan*

## FIŻ-*ZOO* JEW FID-DEŻERT?

Lejn il-bidu ta' dan ix-xahar, bħala Knisja ser inkunu qed nerġgħu nidħlu fi żmien qawwi ieħor li waqt li ngħixuh ser inkunu imsejjħin biex nippreparaw ruħna biex niċċelebraw kif xieraq l-Għid il-Kbir. U dan iż-żmien tar-Randan li jikkonsisti f'40 jum ifakkarni fi storja li qrajt milux u li permezz ta' din il-kitba xtaqt naqsam magħkom.

***Jekk maħluqin għad-deżert, x'qed nagħmlu fiż-zoo?***

Ġemel omm u l-ferħ tagħha kienu qed jitkellmu. Il-ferħ staqsa lill-ommu: *"Ma, għaliex saqajna huma kbar u għandna tlitt swaba kbar?"* L-omm wieġebet: "*Biex inkunu nistgħu nimxu fuq ir-ramel artab tad-deżert mingħajr ma negħrqu." "U għaliex għandna ix-xagħar t'għajnejna daqshekk kbar u goffi?" "Biex ma jidħolx ramel f'għajnejna matul il-vjaġġi fid-deżert,"* wieġbet l-omm. *"U għaliex għandna ħotba daqshekk kbira fuq daharna?"* reġa' staqsa l-iben.



L-omm issa bdiet titlef il-paċenzja u wieġbet: *"Il-ħotba nużawha biex nerfgħu x-xaħam għal meta jkollna vjaġġi twal fid-deżert u nistgħu ngħixu mingħajr ilma għal żmien twil." "Ok fhimt!",* qal il-ferħ tal-ġemel, *"Mela għandna saqajna kbar biex ma negħrqux fir-ramel, ix-xagħar t'għajnejna daqshekk kbar u goffi biex ma jidħolx ramel f'għajnejna u ħotba biex naħżnu l-ilma. Mela ma, x'qegħdin nagħmlu hawn fiż-zoo?"*

**Bħal Ġesù
nagħmlu l-esperjenza tad-deżert**

Ejjew nammettu li ħajjitna, b'mod speċjali b'dan ir-rittmu ta' ħajja li llum il-ġurnata qed ngħixu, faċilment twiegħedna l-kumditā imma taqbadna f'sistemi li jġiegħeluna nħossuna fil-gaġġa tal-ġemel fiż-*zoo*, fejn l-ispazju hu limitat, fejn dak li finalment ħalaqna Alla għalih jew inkunu mċaħdin minnu jew nagħżlu li ninjorawh. Għaldaqstant għandna bżonn li aħna wkoll nagħmlu l-esperjenza tad-deżert, u dan mhux għax aħna iġmla, imma għax jeħtiġielna li nirrealizzaw min tassew aħna u għalxiex aħna msejħin għalih minn Alla. U ż-żmien tar-Randan jistedinna biex nagħmlu din l-esperjenza radikali tad-deżert.

Fl-Evanġelju tal-Ewwel Ħadd tar-Randan naqraw u nisimgħu kif l-Ispirtu joħroġ lil Ġesù fid-deżert, u Ġesù jibqa' hemm erbgħin jum. Fil-Bibbja, in-numru 40 insibuh diversi drabi u għandu sinjifikat partikulari: iż-żmien li fih jingħex proċess intern ta' maturità u fejn l-iskop tal-ħajja jkun aktar ġenwin. Wara erbgħin jum u erbgħin lejl ta' xita, id-dulluvju naddaf l-art mill-ħażen u Noè u l-familja tiegħu imbagħad setgħu jagħrfu mill-ġdid t-tjieba ta' Alla fil-ħolqien imġedded. Erbgħin sena kellu Mosè meta Alla għażlu biex joħroġ il-poplu Lhudi mill-Eġittu u bil-qawwa t'Alla jmexxih fid-deżert u jibnih f'poplu li jasal fl-Art Imwiegħda. Erbgħin jum għamel Ġesù fid-deżert jitlob u jkun ikkonfrontat mill-ġlieda bejn it-tajjeb u l-ħażin, bejn li jagħraf u jwettaq ir-rieda tal-Missier, jew jċedi għal gidba li jkun hu ċ-ċentru tal-attenzjoni, fejn il-kliem 'ċaħda', 'sagrifiċċju' u 'ubbidjenza' jiġu mogħtija l-ġenb. Ġesù jurina li meta nagħżlu t-tajjeb mill-ħażin, Alla jkun qiegħed joħloqna mill-ġdid: ikun qed jaqlagħna mill-gaġġa li mhux l-ewwel darba nsibu ruħna fiha u fil-ħelsien li joffrilna jgħinna niskopru l-valur veru tal-ħajja.

***Nitgħallmu nieqfu lit-tentazzjoni u ninżlu aktar fil-fond fil-fidi***

L-esperjenza tad-deżert kemm għall-Poplu Lhudi, u kemm għal Ġesù, kienet skola partikulari fejn apparti li jiġu ffaċċjati l-limitazzjonijiet umani, ikun hemm serħan sħiħ fuq il-qawwa ta' Alla, li tieqaf u tirbaħ fuq kull tentazzjoni u qerq tax-xitan. U permezz ta' din il-fidi u fiduċja fiH nitgħallmu nħallu l-vuċi u r-rieda t'Alla ssaltan fina.

Kemm nisimgħu vuċijiet differenti minn x'ħin jisbaħ sa' ma jidlam. Il-vuċijiet tal-aħbarijiet ta' kuljum, l-ilħna tal-media soċjali, tar-radju, tat-televiżjoni, l-ilħna ta' dawk li jgħixu u jaħdmu madwarna, u ma ninsewx il-vuċijiet li hemm fina nfusna. Fid-deżert li lkoll bħala nsara mistednin ngħixu, ejjew inħallu warajna ħafna minn dawn il-vuċijiet, u nsiru nafu aktar lilna nfusna, dak li hu b'saħħtu u dak li hu dgħajjef fina, u dan permezz tal-vuċi li tlaqqgħana mal-Kelma awtorevoli ta' Alla.

Għalhekk, jalla dan ir-Randan ikun żmien xieraq li fih:

- Infittxu li ninqatgħu minn tant ġenn u vuċijiet li jibbumbardjawna ta' kuljum;
- Niddedikaw aktar ħin fis-skiet waħedna imma fuq kollox fil-preżenza ta' Alla;
- Naraw li niskopru mill-ġdid minn aħna quddiem Alla u xi jrid minna;
- Bħal Ġesù nieqfu lill-Ħażin, nagħrfu l-qerq tiegħu, u nuru ubbidjenza u lealtà lil Alla;
- Nirriflettu fuq il-valuri li ngħożżu u nħaddnu.

***B'fidi sħiħa ngħixu bħala ħolqien ġdid***

Jekk ma nibqgħux sodi fil-valuri li nemmnu fihom meta dawn il-valuri jkunu sfidati u ppruvati, allura għalina dawn mhumiex veru valuri, imma pjuttost passatemp ... l-aqwa li nkunu qed ngħaddu ż-żmien. Ejjew għalhekk nagħrfu li l-fidi tagħna hi aktar minn valuri sbieħ. Il-fidi tagħna, u f'dan iż-żmien speċjali għadha tispikka aktar, hija mezz ta' kif Alla jkabbarna fir-relazzjoni miegħu, passaġġ ta' kif Alla jurina li aħna ħolqien ġdid, fejn il-gaġġa ma żżomniex msakkra u lsira.









# ID-DJARJU TAL-PARROĊĊA
# Ħal Safi - Marzu 2019

| | |
|---|---|
| Il-Ġimgħa 1 ta' Marzu | **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**<br>Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom<br>Fis-6:30pm - Quddiesa<br>Fis-7:00pm - Adorazzjoni |
| L-Erbgħa 6 ta' Marzu | **L-Erbgħa tal-Irmied – *Jibda r-Randan***<br>Fis-6:30pm - Quddiesa bit-Tqegħid tal-Irmied |
| Il-Ħadd 10 ta' Marzu | **L-Ewwel Ħadd tar-Randan** |
| It-Tnejn 11 ta' Marzu | *Anniversarju Saċerdotali:*<br>Dun Karm Zammit: 52 sena (1967) |
| Il-Ħadd 17 ta' Marzu | **It-Tieni Ħadd tar-Randan** |
| It-Tlieta 19 ta' Marzu | **Solennità ta' San Ġużepp,<br>ir-Raġel ta' Marija, Omm Alla** |
| Il-Ħamis 22 ta' Marzu | Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali. |
| Il-Ħadd 24 ta' Marzu | **It-Tielet Ħadd tar-Randan** |
| It-Tnejn 25 ta' Marzu | **Solennità *tat-Tħabbira tal-Mulej - Il-Lunzjata*** |
| It-Tlieta 26 u<br>l-Ħamis 28 ta' Marzu | Mis-6:30pm sas-7:00pm - Quddiesa<br>Mis-7:00pm sas-7:30pm - ***Eżerċizzi għal Kulħadd*** |
| Il-Ħadd 31 ta' Marzu | **Ir-Raba' Ħadd tar-Randan** |



***Twieldu mill-ġdid bil-Magħmudija***
Miguel Caruana

---- o ----



***Daħlu fil-Ħajja ta' Dejjem***
Karmenu Caruana
Maria Muscat

***Nitolbu għalihom!***

